MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2014

Numru. 500/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Carmel Mugliett**

**Kumpilazzjoni Nru: 500/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Carmel Mugliett, ta' 51 sena, bin Carmelo u Mary nee' Gatt, imwieled Pieta' fit-13 ta' Lulju, 1962 u residenti Hubbard Flats, Block 3, Flat 6, Triq Alessandra, Bormla u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 457762(M).

Akkuzat talli:

Fil-lejl ta' bejn it-28 u d-29 t'April, 2012 minn gewwa r-residenza bin-numru 81 li tinsab fi Triq Sir Adrian Dingli, Sliema kkommetta serq ta' 500 Ewro ghad dannu ta' Francesco Zammit u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, bil-mezz, bil-lok u bil-hin u dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 267, 269(g), 270, 279(a) u 280(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli sar ricediv b'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jinbidlu ai termini tal-Artikoli 49, 50, u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz hekk jinstema.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-tratazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li l-imputat huwa lest li jiehu l-kura li ghandu bzonn.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269(g) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma' joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficcju tal-Probation.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------